# Ktejjeb ta' Riżorsi għall-Ħames u s-Sitt Sena tal-Primarja

(Riżorsi meħudin mis-sit malti.skola.edu.mt)

# Il-Ħames Sena – It-Taħdit u l-Kitba

1. Bħala attività tat-taħdit uża l-istampi bħala għajnuna biex tagħti struzzjonijiet ta' kif tagħmel ftira biż-żejt.




2. Bħala attività tal-kitba tista' tikteb dawn l-istruzzjonijiet fuq pitazz.

# Il-Ħames Sena – Is-Smigħ

**Hawn se nħaddmu l-ħila tas-smigħ. Għalhekk din is-silta trid tinqara minn adult filwaqt li l-istudent jara l-karta tal-mistoqsijiet biss. Agħti ċans biex l-istudent jara l-mistoqsijiet. Wara ftit aqra s-silta waqt li l-istudent jista' jibda jwieġeb il-mistoqsijiet. Agħti ċans biex l-istudent ikompli jwieġeb il-mistoqsijiet qabel ma terġa' taqra s-silta għat-tieni darba. Hawn l-istudent irid jiċċekkja r-risposti tiegħu filwaqt li jkompli xi mistoqsijiet li jkun għadu ma weġibx.**

**It-Tifla l-Imqarqċa – Is-Silta**

Claudia kienet tifla mqarqċa. Anke d-dehra tagħha kienet tixhed dan. Kellha xagħarha qasir u mħabbel u kienet tħobb tilbes kif ġie ġie. Mhux l-ewwel darba li kont taraha liebsa xi flokk bil-maqlub, xi qmis bl-għonq ġewwa jew xi kuluri li ma jaqblux għax għal Claudia d-dehra ma kinitx importanti. Il-praspar, Claudia kienet tivvintahom u l-familja tagħha u ħbiebha xi darba jew oħra kienu vittmi ta' xi ċajta tagħha.

Is-Sibt filgħodu Claudia kienet għaddejja minn quddiem il-ħanut tal-gazzetti. Mariella, sidt il-ħanut kienet ġmielha qed taqdi 'l-klijenti tagħha. Raġel anzjan bil-qargħa u b'nuċċali kbir kien qed jixtri l-gazzetta. Tifla li kienet warajh għażlet kartolina bil-fjuri kkuluriti bbuzzati 'l barra għal ommha u pitazz tat-tmenin paġna. Kien imiss lil Claudia biex titlob lil Mariella dak li xtaqet.

"Għandi bżonn bajrow, jekk jogħġbok, Mariella."

" Mela le, liema waħda trid?"



"Dik ir-roża. Nista' nara tiktibx?"

"Iva mela. Ħa karta."

"Ma togħġobnix kif tikteb," qalet Claudia.

"Trid tara xi oħra?" staqsiet Mariella.

"Iva, ħa nara dik il-vjola kif tikteb."

"Anqas din mhi togħġobni, ta!" qalet Claudia lil Mariella wara li ħażżet fuq il-karta mill-ġdid.

Sadanittant bdew jinġemgħu aktar nies fil-ħanut. Kulħadd beda jħares bl-ikrah lejn Claudia għax bdiet ittellfilhom il-ħin. Żewġ nisa bdew ifesfsu f'widnejn xulxin:

"Ta' min hi din it-tifla, kemm hi fonqla?!"

It-tifel li kien imiss wara Claudia, beda jtektek subgħajh mal-bank u jonfoħ! Mariella bdiet titlef il-paċenzja hekk kif Claudia spiċċat biex ippruvat il-bajrows kollha imma l-ebda waħda ma bdiet tolqot il-gosti tagħha. Kienet ippruvat bajrows ta' kull tip, kulur u għamla. Ippruvat bajrows bit-tokka, bajrows lewn il-fidda, oħrajn ikkuluriti, trasparenti, bil-ponta rqiqa u ratba u bil-ponta iebsa fost l-oħrajn. Meta Mariella kien se jitlgħalha sal-ponta ta' mneħirha staqsiet lil Claudia:

"Imma inti x'tip ta' bajrow tixtieq wara kollox? Spiċċajt b'ħanut nies igergru minħabba fik u xorta m'għoġbok xejn!"

Claudia tatha ħarsa ta' brikkuna u weġbitha:

"M'għandi bżonn l-ebda tip ta' bajrow, ... issa għax ix-xogħol għad-dar għamiltu!"

Kienet Mariella l-vittma taċ-ċajta ta' Claudia din id-darba!

Karta tal-Mistoqsijiet

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

| | | Veru | Falz | Ma ssemmietx |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Għal Claudia d-dehra kienet importanti. | | | |
| 2 | Claudia kienet tħobb tagħmel iċ-ċajt. | | | |
| 3 | L-aħħar ċajta li għamlet Claudia kienet lil oħtha. | | | |
| 4 | Il-ħanut tal-gazzetti kienet tmexxih Mariella. | | | |
| 5 | Mariella ppruvat il-bajrow ir-roża l-ewwel. | | | |

**B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha.**

1. Claudia spiss kienet tilbes

a) xi libsa bil-maqlub.

b) xi flokk bil-maqlub.

ċ) xi qalziet imqatta'.

2. Tifla li kienet fil-ħanut għażlet

a) kartolina bi fjuri ġo vażun.

b) kartolina bi fjuri ġo ċestin.

ċ) kartolina bi fjuri bbuzzati.

3. It-tifel li kien imiss wara Claudia

a) beda jtektek subgħajh mal-bank u jonfoħ.

b) beda jdur mal-bank u jonfoħ.

ċ) beda jgerger.

4. Claudia ppruvat bajrows

a) lewn id-deheb u trasparenti.

b) bit-tokka u kkuluriti.

ċ) lewn il-fidda u lewn id-deheb.

# Il-Ħames Sena – Il-Kitba

Avviż tal-kappillan

Immaġinak is-segretarju/a tal-kappillan. Huwa qabbdek tiktiblu avviż biex dawn jitwaħħal fuq il-bord tal-avviżi tal-knisja.
Fl-avviż għandu jkun hemm:

1. li se jsir festin tal-Milied
2. x'inhu l-għan tal-festin
3. fejn se jsir
4. meta u fi x'ħin se jsir
5. kemm huma l-biljetti u mingħand min jinxtraw

/

# Il-Ħames Sena – Il-Grammatika

A. **Ikteb is-sentenzi mill-ġdid bl-ittri kapitali fejn meħtieġ.**

1. missieri jżomm mal-ingliżi fil-futbol.
2. ix-xmara nil tinsab fl-afrika.
3. ħija jmur iċ-ċentru naxxari.
4. jien mostija.
5. malta qiegħda fil-baħar mediterran.
6. kull sena miljuni ta' kattoliċi jżuru l-vatikan.
7. rajt programm fuq stazzjon taljan.
8. morna sa wied il-għasel.

B. **Immarka t-tajba.**

1. Ommi xtrat (erba', erbgħa) ħutiet.
2. X'ħin hu? Is-(seba', sebgħa).
3. Jien għasart (disa', disgħa) larinġiet.
4. Kien għad baqa' (erba', erbat, erbgħa) itfal ġol-klassi.
5. Saru l-(axra, għaxra).
6. Xtrajna (tnax il-lapes, tnax-il lapes).
7. Kilt (seba', sebgħa) tuffiħat.
8. Kemm baqagħlek flus? Baqagħli (ħamsa, ħames) ewro.
9. Smajt (ħames, ħamest) kanzunetti.

Ċ: <u>Aqleb il-verbi fil-parenteżi fil-passat.</u>

Eż: In-nannu _______ (jorqod) fil-fond. In-nannu <u>raqad</u> fil-fond.

1. In-nannu ________ (jilgħab) il-boċċi.
2. Missieri ________ (jonħor) ħafna.
3. In-nanna ________ (tilbes) il-kowt.
4. Oħti _________ (tħoss) il-bard.
5. Il-kuġina _________ (tidħak) biċ-ċajta.
6. Tamara _________ (tiekol) il-frawli.
7. Kelly _________ (tikteb) messaġġ.

D: <u>Ikteb kelma waħda minflok il-kliem b'sing taħtu.</u>

Eż: Denver kiser <u>is-sieq tiegħu</u>. Denver kiser <u>siequ</u>.

1. Qtajt <u>l-id tiegħi</u> meta kont qed niftaħ bott pizelli.
2. Amelia ħaslet <u>l-idejn tagħha</u> qabel kielet.
3. <u>L-omm tagħhom</u> marret tixtri.
4. <u>Il-missier tagħha</u> jaħdem ġo sptar.
5. <u>L-id tiegħu</u> kienet miksija bil-ġibs.
6. Għamiltu <u>x-xagħar tiegħek</u>?
7. <u>L-oħt tagħna</u> mhix id-dar.
8. <u>Il-ħabib tiegħu</u> ċempillu lbieraħ filgħaxija.

# <u>Is-Sitt Sena – It-Taħdit u l-Kitba</u>



**Mistoqsijiet li tista' ssaqsi dwar din l-islajd huma:**
X'se jagħmel dan is-sajjied?
X'ħaseb dan is-sajjied xħin ra x'qabad?



**Mistoqsijiet li tista' ssaqsi dwar din l-islajd huma:**
Immaġina li ltqajt ma' kantant/a fil-ħanut tal-ħwejjeġ...
X'se tkun l-ewwel reazzjoni tiegħek?
X'se tgħidlu jew x'se tgħidilha?
X'taħseb li se j/tgħidlek hu/hi?
X'se ssaqsih jew se ssaqsiha?

**Il-Kitba** - Tista' tikteb storja dwar l-istampi bħala attività tal-kitba.

# Is-Sitt Sena – Il-Qari

## Ħarġa Kulturali

Ġewwa r-Rabat, Għawdex



Nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2015
se nżuru l-Bażilika ta' San Ġorġ,
il-Mużew tal-Arkeoloġija u ċ-Ċittadella.
Ikel ġewwa Marsalforn (mhux inkluż fil-prezz)
Wara, inżuru s-Santwarju Ta' Pinu.

Prezz: €10 (Vapur mhux inkluż)

Tluq fit-8.00 am mill-pjazza tan-Naxxar.
Niġu lura mal-vapur tal-5.00 pm.
Ċemplu fuq: 28212121/78797878
Indirizz elettroniku: bnaxxar.kl@gov.mt

**Ħarġa Kulturali fil-Birgu**



**Nhar:** L-Erbgħa 25 t'April 2015
**Tluq:** Fid-9.00 am
**Post:** Quddiem l-Għassa tar-Rabat
**Inżuru:** Il-Mużew Marittimu u l-Palazz tal-Inkwiżitur

**Prezz:** €7 (jinkludi kafè u żewġ pastizzi)

**Trasport:** Imħallas mill-Kunsill Lokali
**Biljetti:** Mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sa nhar it-Tnejn 23 t'April 2015.

Taħriġ A: Immarka Veru, Falz jew Ma ssemmietx:

| | | Veru | Falz | Ma ssemmietx |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Il-ħarġa kulturali f'Għawdex se ssir f'April. | | | |
| 2 | In-nies se jduru minn post għal ieħor f'Għawdex permezz ta' kowċ. | | | |
| 3 | In-nies li se jmorru Għawdex se jiltaqgħu qabel in-nies li se jmorru l-Birgu. | | | |
| 4 | Il-ħarġa kulturali t'Għawdex hi għola minn dik tal-Birgu. | | | |
| 5 | Il-ħarġa kulturali tal-Birgu se ssir fis-sajf. | | | |

Taħriġ B: Aqra l-paragrafu u kompli l-kelma n-nieqsa:

Min se jmur Għawdex se jiekol ġewwa M_______________ u se j_______________ tal-ikel iżda min se jmur il-Birgu se jħallas s_______________ ewro u inkluż mal-prezz se jkollu k_______________ u żewġ p_______________. Min se jmur Għawdex se jħallas a_______________ minn għaxar ewro għax il-vapur u l-ikel mhumiex inklużi fil-p_______________. Iż-żewġ ħarġiet huma e_______________ għax joffru żjajjar f'postijiet t'interess storiċi.

# Is-Sitt Sena – Il-Grammatika

**A: Ikteb l-imperattiv tal-kelma li hemm fil-parenteżi.**

Eż: Mark ________ (qabeż) il-ħabel. Mark aqbeż il-ħabel.

1. Liża ______________ (qatgħet) xagħrek.
2. Jonathan ______________ (niżel) it-taraġ.
3. Jurgen ______________ (qara) ktieb.
4. Anna u Arnold ______________ (baqgħet) bilwieqfa.
5. Paul ______________ (xorob) l-ilma.

**B: Ikteb kelma waħda minflok il-kliem b'sing taħtu.**

Eż: Sab lili maġenbu. Sabni maġenbu.

1. Ħadet lilha magħha.
2. Raw lilna nitkellmu.
3. Xtraw lilek rigal.
4. Ħadu lilu Għawdex.

**Ċ: Ikteb in-negattiv tal-kelma fil-parenteżi.**

Eż: Edward ___ _____ (fetaħ) it-tieqa. Edward ma fetaħx it-tieqa.

1. Is-subien _____ ___________ (ħarġu) barra.
2. L-għalliem _____ ___________ (ġie) mis-safar.
3. Oħti _____ ____________ (marret) fil-ġnien.
4. _____ ____________ (morna) id-dar.

**D: Ikteb l-għadd imtenni.**

Eż: għajn = għajnejn

riġel = ________________ widna= ________________

id = ________________ sieq = ________________

driegħ = ________________ xoffa = ________________

spalla = ________________ widna= ________________

darba = ________________ elf = ________________

jum = ________________ sena = ________________

**E: Ikteb il-plural.**

Eż: ġemel = iġmla.

ġnien = ________________ sodda= ________________

tifel = ________________ tifla = ________________

raġel = ________________ mara = ________________

bitħa = ________________ sarvetta= ________________

tieqa = ________________ qanpiena = ________________

triq = ________________ serp = ________________

ċerva = ________________ kelb = ________________